Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 163 / 2015

Il-Pulizija

vs

**Jason Abela**

Illum, 18 ta' Frar, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Jason Abela, iben Alfred, imwieled l-Awstralja, fl-4 ta' Jannar, 1971, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 256300 (L), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli f' dawn il-Gzejjer, fit-18 ta' Mejju, 2004 u matul ix-xhur ta' qabel, kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghal esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b' xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricettta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f' tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-25 ta' Marzu, 2015 fejn il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22 (1) (a), u 22 (2) (b) (i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939 sabet lill-imputat hati tal-imputazzjoni dedotta kontrih, u kkundannatu ghal piena ta' sentejn u nofs prigunerija effettiva u multa ta' elfejn Euro (€2,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b' rati mensili u konsekuttivi ta' sittin Euro (€60.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b' din is-sentenza erogata, u ghall-dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Inoltre, il-Qorti ordnat lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' hames mija u sitta u tmenin Euro u tmienja u erbghin centezmu (€586.48), li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b' dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti ordnat li d-droga u l-affarijiet konnessi maghha ezebiti jigu distrutti taht is-supervizjoni tar-Registratur.

Il-Qorti ordnat wkoll il-konfiska tal-flus ezebiti mill-Prosekuzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellanti Jason Abela minnu pprezentat fis-6 ta' April, 2015 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevoka u tillibera lill-appellanti u fin-nuqqas tinfliggi piena anqas harxa.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe' :-

Illi l-ewwel aggravju jitratta l-apprezzament kompletament skorrett li ghamlet l-Ewwel Qorti mill-provi li kellha quddiemha. Illi verament li normalment il-Qrati tal-Appell, li ma' humiex Qrati ta' rivizjoni ma' ghandhomx ikunu mistennija li jissindikaw l-apprezzament tal-provi, izda meta dan l-apprezzament ikun wiehed bl' aktar mod skjaccanti hazin b' mod li flok gustizzja jkun sar oltragg ghall-gustizzja, allura l-Qorti tal-Appell ghandha l-obbligu li tissindika ezattament x' sehh;

Illi bid-dovut rispett, mill-provi prodotti sal-grad tal-probabbli it-tezi tal-appellanti hija wahda kredibbli u li rinfaccjata b' verzjoni bhal din il-Qorti ma' kellha l-ebda raguni ' 1 ghaliex ma' ssibx lill-esponenti hati ta' pussess semplici biss. S' intendi jekk minn irid jiggudika, jkun a priori deciz li dejjem jivvanta t-tezi taf -puliziia allura dika sfortunatament tkun storja ohra, storja miskina li taqleb ta' taht fuq il-principji l-aktar bazilari tal-kamp penali:

Illi l-ewwel nett, l-ammont li nstabu fuq l-esponenti huma ammonti ridikoli. Illi l-esponenti kellu fuqu tlitt sachets b' kull wahda jkollha anqas minn gramma eroina. Illi l-esponenti rrizulta wkoll mill-provi li dak iz-zmien kien juza hafna eroina, u ghalhekk f' sitwazzjoni bhal din kien ghal kollox vero simili li persuna ta' dak it-tip dak l-ammont rizorju ta' droga jkollha bzonnu biex tissodisfa l-kilba taghha stess.

Illi pero l-Ewwel Qorti tat donnu hafna piz ghal fatt li l-esponenti instab bid-droga fuqu meta kien hiereg mid-dar u mhux vice-versa. Illi ghal dina l-kongentura suspettuza, l-esponenti wkoll ta' spjega minn l-aktar kredibbli u li fil-verita tal-hajja, ghandha ghal kollox mis-sewwa. L-esponenti spjega li go daru kien jiddejjaq jiehu droga quddiem tifla ta' tmien snin ghalhekk huwa kien normalment rna' jiehux droga d-dar u dina kien jehodha jew ghand siehbu jew gewwa Tigne f' Tas Sliema stess. Illi jekk wiehed ghal mument ma' jipprovax jifhem il-psikologija ta' minn ikun jinsab fis -sitwazzioni li kien fiha l-esponenti [u hawn isir enfazi ghal kwsitjoni tal-

verita tai-hajja] ftit li xejn wiehed ikun jista jaghmel apprezzament oggettiv ghal sitwazzjoni bhal dina.

Illi wiehed jistaqsi:

Fiha xi haga mhux kredibbli li missier li jkun fil-vizziu mishut tad-droga jara kif jaghmel biex quddiem uliedu ma′ jiehux droga? Jekk wiehed joqghod jahseb u jixtarr ghal ftit fuq dina l-ispjega ir-risposta ovvja ghandha tkun li dak li qal l- esponenti ghandu ferm u ferm mis-sewwa u li bid-dovut rispett l-Ewwel Qorti dwar il-punt ta′ pussess aggravate kienet skorretta. Illi l-esponenti kellu jigi rnisjub hati ta′ pusses semplici biss u moghti piena li solitament tinghata lil persuni li jinstabu fil-pusess ta′ ammonti bhal dawk li nstabu fuq l-epsonenti:

Illi t-tieni aggravju huwa dwar il-piena. Hawnhekk jinghad b′ rispett li dan l-aggravju qed jinghata jekk f′ pessima ipotesi l-ewwel aggravju ma′ jigix akkolt. Illi wiehed ghandu jqis dawn l-aspetti ′ n kwantu l-piena:-

i. L-ammont ridikolu u zghir ta′ droga li nstabet:

ii. Il-fatt li llum il-gurnata l-esponenti huwa ri-abilitat tant li sahansitra huwa llum wiehed minn dawk il-persuni li jikkura fl-agenziji appositi lil min ikollu problema ta′ droga. Li titfa lill-esponenti llum il-habs tkun ′ tragedja′ ghas-sisterna ta′ ri-abilitazjoni [dana dejjem jekk ahna sincieri dwar kemm ghandna ghal qalbna l-element ta′ ri-abilitazzjoni]

iii. Finalment d-dewmien ghal kaz stupidu bhal dan ta′ hdax il-sena [jekk wiebed jara biss kemm damet l-Ewwel Qorti biex tat is-sentenza ftit li xejn ikun hemm bzonn ta′ kummenti] zgur u zgur li ma′ jippermettix li bniedem jigi mibghut il-habs. Hawn ghandna ksur manifest tad-drittiiiet fundamentali tal-bniedem minhabba dewmien esegerat minn l-aktar lampanti. L-Ewwel Qorti, minkejjan li d-dewmien in parte kien anke attribwit lilha stess, premjat lill-esponenti b′ dak li qatt

ma' kien imissha ghamlet u kkundannatu habs effettiv. Illi certament li wara ' tbazwira' bhal din l-anqas haga li kellha ssir kellha tkun li wiehed jinghata piena ferm u ferm anqas harxa:

Rat l-atti kollha tal-kawza u semghet lill-avukat difensur tal-apellant jitlob fis-seduta tas-7 ta' Frar, 2019 li tigi applikata l-artikolu 8 tal-kap 537 fil-konfront ta' l-appellant stante li l-appellant kellu problema ta' abbuz ta' droga li inducietu ghar-reat in kwistjoni u ghalhekk in sostern ta' tali talba jixtieq iressaq xi xhieda.

Rat li l-Avukat Generali ma kellux oggezzjoni ghal tali talba kif registrat fl-istess verbal tas-seduta tas-7 ta' Frar, 2019 u ghalhekk il-Qorti laqghet it-talba u ordnat li jitressqu ix-xhieda relevanti ghal tali talba.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti u minn esami a l-istess jirrizulta lil bejn is-sena 1990 u 2011 ghandu erba' convictins registrati fuqha li jittrataw fuq serq meta kien ghad kellu dsatax-il sena proprju meta beda bil-problema ta' abbuz ta' droga u fittex l-ghajnuna td Detox. Fis-ena 1991 ghandu conviction ohra dwar reati naxxenti mill-Ordinanza tat-Traffiku fejn ghal darb ohra inghata probatiom. Fis-sena 2002 instab hati talli kellu fil-pusess teighu strument bil-popnta u li jaqta u gie kkundannat multa ta' LM 20. Waqt li fis-ena 2010 instab hati ta' pusess u traffikar tad droga Eroina u Kokaina u talli insulta u hedded ufficcjal pubbliku u inghata sentenza ta' ghaxar xhur prigunerija.

Illi jigi notat li r-reat li bih hu akkzuat l-appellant hu wiehed ta' pusess aggravat ta' droga fis-sena 2004 u cioe sittax-il sena ilu. Issa skond ix-xhieda ta' Dr. Moses Camilleri jirrizulta li fis-sena 2000 l-appellant gja kellu l-problema ta' abbuz ta' droga u jidher li baqa' ghaddej biha sa 2018 meta in effetti ghamel il-programm ta' riabilitazzjoni mal-Oasi u temmu b'success.

Ikkunsidrat,

Illi nhar l-4 ta' Gunju 2019 xehed **Patrick Anthony Sciberras** bhala rappresentant tal-Fondazzjoni Oasi u jghid li kien ilu jahdem fl-Oasi ghal sentejn u nofs u kkonferma li l-appellant kien dahal l-Oasi xi hames gimghat qabel ma telgha jixhed u kien qed jahdem mieghu hu. Ikkonfemra li skond l-assessment taghhom l-appellant ghandu problema ta' addiction u qed jaghmel il-programm sabiex jiddilja ma din il-materja ta' tehid tad-droga Eroina. Jghid li fil-fatt il-kors hu wiehed residential u idum xi tlett xhur u jsita' jkun idum iktar , kollox jiddependi kemm idum biex isib xoghol. Wara li jispicca il-fully residential jibda is-semi-residential phase meta jkun jista' johrog bara pero' ikun taht sorveljanza bi ftit flus jirranga dak li jkollu jirranga u jerga' jidhol gewwa. Qal li fil-fatt Abela kien mar ghandhom direttament mill-habs ghaliex kien qed jiskonta sentenza ta' prigunerija. Qal li l-komportament tieghu gewwa l-Fondazzjoni hija tajba. Ihoss li bhala persuna qed jipprova jinfetah u jghamel xi haga. Qal li minn dak li qallu l-appellant u minn dak li sema dwaru jidher li l-appellant qed jghamel hafna aktar progress milli ghamel f'programmi ohra. Ikkonkluda billi ikkonferma li l-appellant attenda il-Qorti direttament mill-Oasi

Illi nhar l-4 ta' Frar 2020 xehed **Dr Moses Camilleri** u mistoqsi kemm ilu jaf ill-apellant jghid li ilu jaf lill-appellant sa mis-sena 2015 meta l-appellant kien talab l-assistenza tieghu gewwa Detoz pero' jirrizulta li l-istorja tieghu dwar abbuz ta' droga tmur lura ghas-sena 1990. Huwa stqarr li kien it-tabib kuranti tieghu mis-sena 2015 sa 2018. Dwar dawn l-ahhar tlett snin jista' jghid li ra motivazjoni fl-appellant li jibda' jghamel xi haga biex jindirizza din il-problema ta' tehid ta' sustanzi illeciti fosthom l-Eroina u dan sabiex jipprova jengageja fi programm ta' rehabilitation. Kien hemm diversi tentattivi biex jibda' dan il-prgramm. Pero is-sena l-ohra jaf li beda programm Ghawdex fl-Oasi u fil-fatt anke temm dan il-programm. Naturalment minkejja li spicca il-programm dak li jkun jibqa' in kuntatt mad-dirigenti tal-programm u dan sabiex jinghata support. Kuntatt mad- Detox m'ghandux illum il-gurnata.

Ikkunsidrat.

Illi din is-sentenza tittratta biss mat-talba tal-appellant sabiex din il-Qorti tikkonverti ruhha f'Drug Court ai termini tal-artikolu 8 tal-kap 537 tal-ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti ghalhekk ezaminat dak li jipprovdi l-artikolu 8 (1) tal-kapitolu 537 tal-ligijiet ta' Malta ai fini tat-talba tal-appellanti li tipprovdi s-segwenti:-

8. (1) *Meta l-persuna akkużata hija mixlija b'reat kontra l-liġijiet dwar id-droga fir-rigward ta' kwantità ta' droga projbita li,irrispettivament mit-tip tad-droga jew mill-purità ma taqbiżx il-kwantità ta' droga elenkata fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba'Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew fir-Raba'Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha bħala kwantità ta' droga li tindika lil-persuna akkużata m'għandhiex tiġi riferita għal procedure quddiem il-Qorti Kriminali, jew hi akkużata bit-twettiq ta' xi reat li għalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija , u l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti, il-Qorti tista', wara li tisma' s-sottomissjonijiet magħmula f'isem il-persuna akkużata u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma' kull xhud li l-Qorti tqis bħala neċessarju li jinstema' , toħroġ digriet li permezz tiegħu l-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.*

Illi ghalhekk jidher car li sabiex dak li jkun jista' jghamel talba ghal tali talba quddiem din il-Qorti u cioe sabiex tikkonverti ruha fi Qorti ta' Droga iridu jigu sodisftti b'mod preliminari zewg rekwiziti u cioe:-

1. Ir-reat li jkun akkuzat bih ma jistax ikollu piena li teccedi seba' snin priġunerija u f'kaz li din il-kondizzjoni hija sodisfatta jibqa' t-tieni kundizzjoni u cioe:-

2. Li l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti.

Il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti għall-finijiet tas-subartikolu (1) huma dawn li ġejjin:

(a) li r-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra kull liġi oħra li bih il-persuna akkużata hi mixlija hu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata fuq id-droga tal-akkużat;

(b) li r-reat kontra xi liġi oħra li m'hix il-liġijiet dwar id-droga li bih il-persuna akkużata hi mixlija ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regulari jew bl-użu ta' nar jew splussiv;

(ċ) li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata' mid-dipendenza fuq id-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga

Rigward l-ewwel sub inciz tal-artikolu 8 tal kap 537 tal-ligjiet ta' Malta jidher li r-reati addebitati fil-konfront tal-appellant ma jimportawx piena ta' aktar minn sebgha snin prigunerija.

Fir-rigward tat-tieni sub inciz jirrizulta wara li semghet ix-xhieda ta' Dr. Moses Camilleri u Patrick Anthony Sciberras li l-appellant kellu problema ta' abbuz ta' droga u beda b'din il-probelma fis-ena 2000 meta kellu 29 sena. Skond ma qal ix-xhud Dr. Moses Camilleri jidher li kien jabbuza mill-Eroina u Cokaina. Illi ghalhekk jideher li l-allegati reati subiti lill-appellant gew kommessi fis-sena 2004 meta l-appellant gja kien mahkum bil-vizzju mishut. Tant li fis-sena 2010 instab hati tar-reati ta' pusess u traffikar ta' droga Kokaina u Eroina. Ghalhekk huwa ferm possibli jew ahjar probabbli li r-reati gew kommessi minnu minhabba id-dependenza li huwa kellu fuq id-droga.

Dwar dak dispost fis-sub inciz (2) jinghad li l-akkuzi fil-konfront tal-appellant, fil-fatt jirrelataw biss dwar akkuzi naxxenti mill-Ordinanzi kontra id-droga u cioe' Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta.

Dwar is-sub inciz (3) jidher li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx qed tigi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga, tant li l-key worker tieghu Patrick Anthony Sciberras qal li ra progress fl-appellant u li jidher li sejjer tajjeb fil-programm ta' rihabilitazzjoni mal-Oasi.

Din il-Qorti ghalhekk tqis li l-kundizzjonijiet imsemmija fis-Subartikolu (2) tal-artikolu 8 tal-kap 537 tal-ligijiet ta' Malta huma sodisfatti, w ghalhekk issa wara li semghet is-sottomissjonijiet tal-avukat difensur f'isem il-persuna akkużata w lill-

Ufficjal Prosekutur jirrimetti ruhu w semghet ukoll kull xhud li hija qieset li kien neċessarju, thoss li ghandha tikkonverti ruhha fi Qorti ta' Droga u ghalhekk sejra tikkonsulta mal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga, u tipprocedi sabiex tirreferi lill-persuna akkużata quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga sabiex jagħti dawk l-ordnijiet fir-rigward tal-persuna akkużata kif previst fl-Artikolu 6.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur